16 ta' Marzu, 1953.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Neg John Coleiro ne. *versus* Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier et. ne.

**Appell lill-Maestà Taghha r-Reġina fil-Kunsill Taghha Privat — Sentenza — Sezzjoni 2 (a) (b) ta' l-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909.**

*Biex jinghata permess ghall-appell bi dritt lill-Maestà Taghha r-Reġina fil-Kunsill Privat, hemm bżonn li s-sentenza li kontra taghha jintalab biex isir appell tkun definitiva u finali; ghaldaqstant minn sentenza li ma tostakolax it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża, u li ma tiddeċidix il-meritu, ma jistax jinghata appell bi dritt.*

*Imma meta t-talba ghal dan l-appell hija bażata fuq il-motiv li s-sentenza, finali jew interlokutorja, hija wahda li, fil-fehma tal-Qorti, ikraq li tiġi mressqa ghad-deċiżjoni tal-Maestà Taghha r-Reġina fil-Kunsill, minhabba l-importanza kbira taghha, ġenerali jew pubblika, jew xort'ohra, il-Qorti tista' taghti permess ghal dan l-appell avvolju s-sentenza ma tkunx finali u definitiva.*

Il-Qorti, — Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmijin konvenuti Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier, Anthony Camilleri u Onorevoli Edgar Cuschieri, fil-kwalità taghhom fuq imsemmija, li talbu li jiġi lilhom moghti l-permess biex jap-

pellaw quddiem il-Kumitat Gudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Frar 1953 fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tal-konvenuti kontenuta fl-imsemmija petizzjoni hija bażata fuq it-tieni sezzjoni inċiż (a) ta' l-Order in Council tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-Order in Council tal-5 ta' Novembru 1942. Skond dik is-sezzjoni, "an appeal shall lie, as of right, from any final judgment of the Court, where the matter in dispute on the appeal amounts to, or is of, the value of five hundred pounds sterling or upwards............" Biex jingħata permess għall-appell bi dritt lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill Privat hemm bżonn, skond l-imsemmija dispożizzjoni, li s-sentenza li kontra tagħha jintalab biex isir dak l-appell tkun definitiva u finali. L-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti, tas-6 ta' Frar 1953, ma tistax titqies bħala definitiva u finali, għaliex ma tostakolax it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża fil-meritu, u għaliex dan il-meritu għadu ma ġiex deċiż (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Diċembru 1926 in re "Dottor Pullicino nomine vs. Salvatore Grixti nomine et.", Kollez Vol. XXVI, parte I, sezzjoni II, paġ. 144; u oħra ta' din il-Qorti ta' l-10 ta' Marzu 1952, in re "Kurunell Stephen Borg ne. vs. A.I.C. Gustavo Romeo Vincenti"; u oħra riportata mill-Bentwich (The Practice of the Privy Council in Judicial Matters, 1937 edition, p. 105, in re "Standard Discount Co. v. La Grange" (1877) 3 C.P.D. page 71, per Brett L.J., li qalet "No order, judgment, or other proceeding can be final, which does not at once affect the status of the parties for whichever side the decision may be given, so that, if it is given for the plaintiff, it is conclusive against the defendant, and if it is given for the defendant, it is conclusive against the plaintiff");

Ikkunsidrat;

Illi waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenuti ssottometta li huwa l-każ li jiġi lilhom mogħti l-permess għall-Appell quddiem il-Kumitat Gudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina bis-saħħa ta' l-inċiż (b) ta' l-im-

semmija sezzjoni 2 ta' l-Order in Council fuq ċitat. Dan l-inċiż igħid li jista' jsir appell fid-diskrezzjoni tal-Qorti minn kull sentenza oħra tal-Qorti, sew *finali* kemm *interlokutorja*, kemm il-darba, fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjoni li hemm l-appell fuqha hija waħda illi, minħabba l-importanza kbira tagħha, ġenerali jew publika, jew xort'oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill;

Illi s-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar 1953, hija bażata fuq l-interpretazzjoni mogħtija lid-dispożizzjoni ta' l-art. 39 tal-Malta *Constitution* Letters Patent, 1947; u l-punt deċiż li jirriferixxi għal dispożizzjoni importanti tal-Karta Kostituzzjonali huwa, fil-fehma tal-Qorti, ta' importanza tali li tiġġustifika l-applikazzjoni minn din il-Qorti tal-poter diskrezzjonali lilha konferit bl-imsemmija sezzjoni 2 inċiż (b) ta' l-Order in Council tat-22 ta' Novembru 1909, non ostante li dik is-sentenza tas-6 ta' Frar 1953 mhix definitiva u finali;

Għaldaqshekk:

Biss fis-sens fuq imsemmi tilqa' t-talba tal-konvenuti nomine, u tagħti lilhom il-permess kondizzjonali biex jappellaw mis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar 1953 lill-Maestà Tagħha fil-Kunsill Privat; u tipprefiġġilhom it-terminu ta' xahar biex jipprestaw il-malleverija kontemplata fis-sezzjoni 4 ta' l-imsemmi Order in Council fis-somma ta' £300, u t-terminu ta' tliet xhur biex jipprokuraw it-tlestija u t-trasmissjoni ta' l-inkartament tal-kawża lill-Kumitat Ġudizzjarju, skond l-imsemmija sezzjoni 4;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-provvediment għall-permess finali.